Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 58/2011

**Rudolph Azzopardi (appellat)**

**Vs**

**Market Handle Limited u Donald Micallef** (**appellant**)

7 ta' Frar, 2017.

1. B'sentenza tas-7 ta' Ottubru, 2016, din il-qorti cahdet l-ewwel aggravju tal-appellant. Fadal issa li jigu decizi l-aggravji li:

i. L-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili;

ii. Il-kapitolu mhu xejn ghajr prova bhal provi ohra. Fil-kaz in ezami hemm provi li l-appellant m'ghandu x'jaqsam xejn man-negozju li fuqu hi bazata l-kawza.

**<u>L-Ewwel Aggravju</u>**.

2. Hu minnu li eccezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva tista' tinghata wkoll fi stadju tal-appell. Pero' quddiem l-ewwel qorti l-appellant kien kontumaci. Ghalhekk ma jistax jinqeda bil-proceduri tal-appell biex f'dan l-istadju jirrimedja ghan-nuqqas tieghu. F'dan ir-rigward fis-sentenza Anthony Grech et vs Joseph Farrugia tas-17 ta' Frar 2014, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) osservat:

*"Kif sewwa gie rilevat fir-rikors ta' l-appell il-kontumacja hija dejjem kunsidrata bhala kontestazzjoni u l-parti sokkombenti, minkejja l-kontumacja taghha, tista` dejjem tinterponi appell minn dik is-sentenza. B'dana kollu fl-istadju ta' appell il-konvenut li ma jkunx ipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet"*.

Ghaldaqstant dan l-aggravu hu michud.

**<u>It-Tieni Aggravju.</u>**

3. L-appellat harrek lis-socjeta konvenuta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghas-somma ta' €8,040, prezz ghall-bejgh ta' airconditioners. B'digriet tad-9 ta' Lulju, 2012 (fol. 29) gie msejjah fil-kawza Donald Micallef. Fl-10 ta' Gunju, 2010 giet iffirmata purchase order ghax-xiri ta' aircondtioners. Mid-dokument jirrizulta li min iffirma d-dokument, persuna mhux identifikata, iffirma ghan-nom tas-socjeta konvenuta. Fil-fatt taht il-firma hemm il-kliem *"Authorised o/b of Market Handle Ltd"* (fol. 2).

4. L-appellant kien kontumaci. Ovvjament dan ma jfissirx li ammetta t-talba, u l-attur xorta jrid jipprova dak li jkun allega. Hu fatt ukoll li min jibqa' kontumaci jista' jipproponi appell. Pero' sakemm ma jiggustifikax il-kontumacja, l-appell

u trattazzjoni jistghu jigu biss ikkunsidrati ghal dak li jikkoncerna l-apprezzament tal-provi li jkunu ngabru *"u jekk dawn kinux jissodisfaw dak il-minimu necessarju biex jiggustifika t-talbiet"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawza **Joseph Edmond Meilaq vs Brian Mizzi et nomine** tas-27 ta' Marzu, 1996).

5. Fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2013 l-appellat ipprezenta kapitolu fil-konfront tal-appellant. L-appellant m'attendiex ghas-seduta tat-3 ta' Gunju, 2013. Dakinhar il-qorti ddiferiet il-kawza ghas-seduta tal-10 ta' Gunju, 2013 sabiex tinghata sentenza. L-appellant rega' ma deherx u nghatat sentenza li biha l-appellant gie kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' €8,040.

6. L-appellant ghamel riferenza ghall-gurisprudenza dwar is-subizzjoni, bhal **Fenici Insurance Agency Limtied nomine vs Paul Stoner et**, 22 ta' Novembru 2992 ta' din il-qorti u **Bank of Valletta plc vs Joseph Balzan et**, deciza mill-Prim'Awla fis-26 ta' Gunju, 2003. Fl-ewwel sentenza din il-qorti qalet:

*"Ma jfissirx illi l-fatt biss li s-subent ikun naqas bla gustifikazjoni li jidher biex jirrispondi ghall-kapitolu maghmul kontra tieghu kellu necessarjament iwassal biex il-Qorti tilqa' t-talba attrici. Dan ghaliex skond il-ligi "l-ammissjoni bis-subizzjoni ta' wahda mill-partijiet tista' taghmel prova ta' fatt ……" (Art 694 (2)).* ***Aktar rilevanti hu s-subinciz (3) ta' dan l-artikolu li jiddisponi illi f'kull kaz tkun maghduda bhala li taghmel prova dik il-parti biss ta' l-amissjoni li l-Qorti jidhrilha li tisthoqq li tkun emmnuta***.

*Dan ifisser li l-prova bil-kapitolu konfessat ghandha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li tkun prodotta"*.

F'dak il-kaz il-konvenut kien kontumaci.

7. Bhala provi hemm biss:

   i. *Purchase order* ghax-xiri tal-airconditioners li kienet iffirmata minn xi hadd ghan-nom ta' Market Handle Ltd. Fil-*purchase order* hu car daqs il-kristall li l-ordni saret ghan-nom tas-socjeta konvenuta. Sahansitra fid-dokument (fol. 2) jinghad ukoll: *"4. Send all correspondence to: Market Handle Ltd"*, u l-indirizz.
   ii. Statut tal-kumpannija Market Handle Limited, fejn isem l-appellant ma jidher imkien.
   iii. Kapitolu li gie pprezentat fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2013.

8. L-appellant sar parti fil-kawza wara li b'digriet tad-9 ta' Lulju 2012 gie msejjah fil-kawza fuq talba tal-appellat. Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012 gie verablizzat:

*"Dr Abigail Bugeja talbet ukoll li* ***in vista tal-fatt li skont ir-rikorrent id-dokument immarkat A gie ffirmat minn Donald Micallef u Donald Micallef m'huwiex ir-***

***rapprezentant tas-socjeta intimata, hi ghalhekk talbet il-kjamat in kawza ta' Donald Micallef"***.

Skont l-istatut tal-kumpannija:

*"8. Representation.*
*The legal, contractual and judicial representation of the company shall vest in any one director"*.

M'hemmx prova li l-appellant kien direttur tal-kumpannija. Madankollu, ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument biss id-dokument iffirmah l-appellant ghan-nom tas-socjeta konvenuta, haga li l-appellant qatt m'ammetta, mid-difiza li tat is-socjeta konvenuta hu evidenti li m'hijiex tikkontesta li xtrat l-airconditioners. Fil-fatt iddefendiet ruhha billi qalet li kien hemm ftehim, *"…. illi l-attur jiehu lura l-aircondition units imsemmija fl-avviz"*. Dan ifisser li qeghda ssostni li nhall il-bejgh. Mela m'hemmx kontestazzjoni mis-socjeta konvenuta li kienet hi li xtrat l-aircondition units.

Il-kapitolu jaqra:

*"Li biha trid tipprova bil-gurament tieghek,* ***li inti debitur taghha fl-ammont w ghar-ragunijiet indikata fl-Avviz****"*.

Ir-raguni li ssemmiet fir-rikors promotur ghalfejn qieghed jintalab il-hlas hu **xiri ta' airconditioners**. Rajna li mid-dokument li l-appellat stess ipprezenta, jirrizulta li kienet is-socjeta konvenuta li xtrat l-airconditioners. Inoltre, m'hemmx prova li l-*purchase order* kienet iffirmata minn Donald Micallef. Id-dikjarazzjoni li ghamlet id-difensur tal-appellat li l-appellant iffirma l-purchase order, m'ghandha l-ebda valur probatorju. Mid-dokument li l-appellat stess ipprezenta hu evidenti li x-xerrej kienet is-socjeta Market Handle Ltd. Tant in-negozju sar mas-socjeta konvenuta li l-attur inizjalment ippropona l-kawza kontriha biss. Kien biss fil-mori tal-kawza li talab li jissejjah fil-kawza l-appellant.

9. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi li hu altru milli evidenti li kienet is-socjeta konvenuta li xtrat l-oggetti u mhux l-appellant. Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-ewwel qorti ma kellhiex tistrieh fuq il-konfessjoni li saret bis-subizzjoni. Id-dokument a fol. 2 hu prova cara li l-bejgh sar lis-socjeta konvenuta u mhux lill-appellant.

**Ghal dawn il-motivi:-**

**i.Tichad it-tieni aggravju.**

**ii.Tilqa' t-tielet aggravju.**

**iii.Thassar is-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-10 ta' Gunju, 2013 u tichad it-talba tal-attur kontra l-imsejjah fil-kawza.**

**Spejjez relatati mas-sentenza tal-ewwel qorti a karigu tal-attur u spejjez relatati ma' din is-sentenza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet gialadarba t-tieni aggravju gie michud.**

**Tordna li l-atti jintbaghatu quddiem l-ewwel qorti sabiex tissokta bil-kawza fil-konfront tas-socjeta konvenuta.**

Anthony Ellul.